Kategoriji: Kollaborazzjoni bejn il-ħbieb

# Appoġġ lill-istudenti biex jiżviluppaw ħiliet tat-tagħlim

SCIREARLY



Sett ta' għodod edukattivi

## Prattiċi ta' tagħlim b'suċċess biex it-tfal kollha jirnexxu

SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative





## Rikonoxximent

**L-awturi** ta' dan id-dokument u l-imsieħba ta' dan il-proġett huma:
l-Universita' ta' Deusto, Spanja (Koordinatur tal-proġett)
KMOP – Ċentru għall-familja u l-kura tat-tfal, il-Greċja
Ministeru tal-Edukazzjoni, Xjenza u l-Innovazzjoni, il-Portugal
CESIE, l-Italja
l-Universita' ta' Dublin City, l-Irlanda
Red Barnet , Kollaborattiva ma' MHPSS Collaborative, id-Danimarka
l-Universita' ta' Porto, il-Portugal
l-Universita' ta' Malta, Malta
L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ġenituri, il-Belġju
L-Universita' ta' Ħelsinki, il-Finlandja
L-Universita' ta' Newcastle Upon Tyne, ir-Renju Unit

© Copyright 2024

Dan ix-xogħol huwa liċenzjat taħt il-"Creative Commons Attribution 4.0 International License (CC BY-NC-SA 4.0).

Data tal pubblikazzjoni: 2024

Immaġini użati taħt il-liċenzja ta' Shutterstock.com

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.



# Kategoriji: Kollaborazzjoni bejn il-ħbieb

# Introduzzjoni

Dan is-sett ta' għodod, "Prattiċi ta' Tagħlim b'suċċess biex it-Tfal kollha jirnexxu," huwa riżorsa prattika li turi kif jistgħu jinħolqu ambjenti ta' tagħlim ta' suċċess fil-klassijiet, skejjel, u komunitajiet. Dan jgħin lill-għalliema u l-Kapijiet tal-iskejjel jibnu spazji ta' tagħlim effettiv li jappoġġjaw studenti u jwasslu biex l-istudenti li qed ibatu biex jitgħallmu, itejbu l-ħiliet bażiċi tagħhom, u jiżviluppaw il-ħiliet soċjali u emozzjonali tat-tfal. Dan is-sett ta' għodda huwa bbażat fuq għoxrin każ ta' studju minn disa' pajjiżi Ewropej, li joffri strateġiji prattiċi li ħadmu fi skejjel fil-prattika.

Dawn il-każijiet ta' studju ġejjin minn Skejjel Primarji u Sekondarji madwar l-Ewropa li għenu b'suċċess studenti li ma kellhomx suċċess u ipprevena t-tluq bikri mill-iskola. Ir-riċerka saret fi skejjel differenti madwar il-Portugal, l-Irlanda, il-Finlandja, id-Danimarka, Spanja, il-Greċja, l-Italja, ir-Renju Unit, u Malta. Minn dawn l-iskejjel, ġbarna prattiċi konkreti li jtejbu kemm it-tagħlim akkademiku kif ukoll l-iżvilupp soċjo-emozzjonali.

Is-sett ta' għodda huwa organizzat madwar ħames oqsma ewlenin ta' ambjenti ta' tagħlim li huma ta' suċċess:

- Pedagoġiji
- Interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti
- Kollaborazzjoni bejn il-ħbieb
- Kollaborazzjoni bejn l-iSkola, il-Familja u l-Komunità
- Saħħa fiżika, mentali u benesseri soċjali u Appoġġ

Filwaqt li kull għodda hija klassifikata f'wieħed minn dawn l-oqsma, ħafna mill-għodod jaħdmu f'oqsma differenti. Pereżempju, il-"Gruppi Interattivi" mhux biss jgħinu lill-istudenti jaħdmu flimkien, iżda wkoll biex jingħaqdu mal-komunità, jappoġġja l-benesseri tagħhom, kif ukoll itejjeb ir-riżultati akkademiċi tagħhom.

Huwa importanti li wieħed jifhem li l-iskejjel l-aktar ta' suċċess jużaw ħafna għodda flimkien. Filwaqt li kull għodda tista' tgħin meta użata waħedha, l-aħjar riżultati jinkisbu minn ħidma fil-ħames oqsma fl-aspetti tal-iskola kollha. Nirrakomandawlkom li tħarsu lejn l-affarijiet tajbin attwali tal-iskola tiegħek u l-oqsma fejn hemm bżonn ta' titjib biex jgħinkom tagħżlu l-aktar għodod utli għas-sitwazzjoni tal-iskola tagħkom.

Dan is-sett ta' għodda huwa disponibbli fuq pjattaforma onlajn f'sebà lingwi: Spanjol, Portugiż, Ingliż, Finlandiż, Malti, Grieg u Taljan. L-għodda kollha ġew ippruvati u żviluppati bir-reqqa permezz ta' ko-kreazzjoni dijaloġiku ma' kważi elf parteċipant fil-proġett SCIREARLY, inkluż edukaturi fl-iskejjel, studenti, familji, u membri tal-komunità.

L-għan tagħna huwa li nagħtu lill-edukaturi u lill-komunitajiet l-għodda li għandhom bżonn biex jgħinu lil kull tifel u tifla jirnexxu fl-iskola. Qegħdin naqsmu dawn il-prattiċi ta' suċċess minn ambjenti ta' tagħlim differenti b'mod aċċessibbli, qed naħdmu biex noħolqu skejjel fejn it-tfal kollha jkunu jistgħu jirnexxu, irrispettivament mill-isfond tagħhom.





# Glossarju

It-taqsima tal-glossarju hija essenzjali f'dan is-sett ta' għodod għax tipprovdi definizzjonijiet ċari ta' termini u kunċetti ewlenin li tiżgura li dawk kollha li jużawha, inklużi l-għalliema, il-kapijiet tal-iskejjel, l-esperti tal-edukazzjoni, dawk li jfasslu l-politika, u l-membri tal-komunità, jistgħu jifhmu bis-sħiħ u jimplimentaw b'mod effettiv il-prattiċi ta' tagħlim b'suċċess.

Din it-taqsima tgħin biex tnaqqas kwalunkwe nuqqas ta' ftehim fit-terminoloġija użati u tassigura ftehim konsistenti li tagħmilha aktar faċli li jiġu applikati sew dawn l-istrateġiji bbażati fuq l-evidenza u hekk iwasslu għal titjieb fir-riżultati edukattivi tal-istudenti.

## Tagħlim Dijaloġiku

It-tagħlim Dijaloġiku jenfasizza djalogu u interazzjonijiet ta' kwatlta' bħala l-mezz primarju biex jintlaħaq ftehim, tagħlim u żvilupp. L'għan tat-tagħlim u l-fehem dijaloġiku huwa li jinħoloq ambjent fejn l-istudenti, l-għalliema u l-membri l-oħra kollha tal-komunità jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fi djalogu sinifikanti u rispettuż. Dawn huma xi wħud mill-prinċipji ewlenin:

Ii jiġi jiżgurat li l-vuċijiet ta' kulħadd ikunu stmati bl-istess mod, u li kulħadd ikollu l-opportunità biex jikkontribwixxi għad-djalogu. Dan jinkoraġġixxi perspettivi diversi u jiżgura li l-vuċijiet kollha jinstemgħu.

Ir-rikonoxximent tal-valur tal-isfond kulturali u l-esperjenzi tal-istudenti u l-għalliema kollha. Dan jgħin biex jinħoloq ambjent ta' tagħlim aktar inklussiv.

Jassigura li l-interazzjonijiet dijaloġiċi fost l-istudenti, u bejn l-għalliem u l-istudent, u fi ħdan il-komunità jippromovu trasformazzjoni soċjo-kulturali u l-aħjar kundizzjonijiet għat-tagħlim u l-iżvilupp.

Ii jkun hemm ko-kostruzzjoni ta' tifsira u fehim permezz ta' djalogi bejn studenti u għalliema. Dan il-proċess kollaborattiv jgħin biex japproffondixxi l-komprensjoni u r-ritenzjoni ta' informazzjoni.

Jibni sens ta' komunità u appoġġ reċiproku fost l-istudenti u l-għalliema. Dan il-prinċipju jrawwem kollaborazzjoni u responsabbiltà kollettiva għat-tagħlim.

Jassigura rispett u għarfien ta' differenzi fost l-istudenti u l-għalliema. Id-djalogu għandu jiċċelebra d-diversità u jużaha bħala riżorsa għat-tagħlim, jinkoraġġixxi l-ħsieb kritiku u jisfida lil kulħadd biex jaħseb fil-fond u jagħrbel suppożizzjonijiet.

## Dimensjoni Emozzjonali

Tagħraf l-importanza ta' relazzjonijiet ta' kwalità fit-tagħlim. Prattiċi ta' suċċess joħolqu ambjent ta' appoġġ fejn l-istudenti u l-għalliema jħossuhom siguri, appoġġati u kunfidenti meta jesprimu l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tagħhom.

## Tagħlim Awtentiku

Jiżgura li d-djalogu u t-tagħlim huma rilevanti għall-esperjenzi u l-kuntesti tal-ħajja li jgħixu l-istudenti u l-għalliema. Dan jagħmel it-tagħlim aktar sinifikanti u applikabbli.

## 'Translanguaging'

Meta persuna titkellem b'lingwa waħda filwaqt li persuna oħra twieġeb b'oħra.

## Klassijiet ta' Akkoljenza

Klassijiet fejn tfal b'lingwa materna oħra jkunu fi klassijiet speċjalizzati fejn jintuża t-'translanguaging' biex jgħin lit-tfal jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti - bil-ħsieb li t-tfal jidħlu fis-sistema edukattiva hekk kif jiksbu profiċjenza fil-lingwa tal-pajjiż.

# Appoġġ lill-istudenti biex jiżviluppaw ħiliet tat-tagħlim





## Ħarsa ġenerali

Din l-għodda tenfasizza l-importanza li l-istudenti jkollhom l-appoġġ tal-għalliema tagħhom biex jiżviluppaw ħiliet tat-tagħlim fuq livell individwali kif ukoll b'mod kollaborattiv waqt li qed jitgħallmu kontenut akkademiku f'suġġetti differenti. Il-prattika ta' dawn il-ħiliet tat-tagħlim b'mod individwali kif ukoll dik kollaborattiva ma' studenti oħra minn sfondi differenti hija essenzjali, peress li t-tagħlim jirrikjedi gwida intenzjonata mill-għalliem, u ħafna prattika, riflessjoni, u rispons speċifiku. L-għan ewlieni huwa li l-għalliema jgħinu lill-istudenti jirregolaw it-tagħlim tagħhom stess kif ukoll dak li jseħħ flimkien ma' sħabhom.

Dan is-sapport mogħti mill-għalliema jinkludi l-implimentazzjoni ta' varjeta' ta' attivitajiet differenti. Huwa importanti li wieħed jiddiskuti mal-istudenti fuq l-importanza tal-ħiliet tat-tagħlim individwali u dawk kollaborattivi u l-għan tagħhom (emozzjonijiet, kundizzjonijiet, imġieba). Huwa wkoll essenzjali li wieħed jenfasizza kemm huwa importanti li wieħed jiffoka l-attenzjoni tiegħu fuq it-tagħlim, u jippjana u jsegwi kemm it-tagħlim tiegħu kif ukoll dak li seħħ flimkien mal-istudenti l-oħrajn. L-għalliem jista' jipprovdi appoġġ lill-istudenti billi jiddiskuti magħhom l-għanijiet tat-tagħlim, isegwi l-progress li qed jagħmlu, iħeġġeġ lill-istudenti jitkellmu dwar l-istrateġiji u l-progress fit-tagħlim li qed jilħqu flimkien mal-oħrajn, jevalwa r-riżultati li nkisbu mit-tagħlim, u jipprovdi rispons kostanti tal-iżvilupp tal-ħiliet tat-tagħlim individwali tagħhom kif ukoll dawk kollaborattivi.

Il-ħsieb wara din l-għodda edukattiva huwa li dawn il-ħiliet huma essenzjali għat-tagħlim tal-għarfien u ħiliet ġodda li huma meħtieġa matul il-ħajja fil-mixja edukattiva tal-studenti mis-snin bikrin sal-fażijiet segwenti tal-mixja edukattiva tagħhom kif ukoll fil-ħajja tax-xogħol. Intwera li l-ħiliet tat-tagħlim individwali u kollaborattivi huma assoċjati mal-involviment tal-istudenti fl-iskola, il-progress fl-istudji, il-kisbiet akkademiċi, l-awtoeffikaċja tagħhom fl-istudju, u s-sens ta' benesseri li jħossu. Il-grupp fil-mira ta' din l-għodda huma studenti ta' bejn is-7 u l-11-il sena, iżda din l-għodda tista' tiġi wkoll applikata ma' studenti bejn it-3 u18-il sena skont il-kuntest, il-kurrikulu, il-livelli tal-ħiliet tagħhom u l-għanijiet tat-tagħlim. Il-partijiet interessati ewlenin huma l-għalliema u l-kustodji kif ukoll il-prinċipali li huma responsabbli li jaraw li jingħata appoġġ lit-tagħlim lill-istudenti u li jkollhom opportunitajiet biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-edukazzjoni tagħhom.

# Passi ta' implimentazzjoni

## 1 Preparazzjoni:

Il-kurrikulu bħala l-punt tat-tluq: Huwa essenzjali li l-għalliema jibdew mill-kurrikulu tal-iskola biex jiddefinixxu l-għanijiet tat-tagħlim, il-kontenut, il-metodi tat-tagħlim u l-evalwazzjoni tal-lezzjoni. Huwa importanti li jiġu definiti l-għanijiet tat-tagħlim tal-istudenti kemm fis-suġġett kif ukoll fit-tagħlim tal-ħiliet (id-definizzjoni tal-għanijiet, l-ippjanar tal-progress, l-għażla tal-istrateġiji, il-monitoraġġ tal-progress, u l-evalwazzjoni tar-riżultati).

Pjan tal-lezzjoni dettaljat: Huwa importanti li jinħoloq pjan ta' lezzjoni u jiġu definiti d-diversi fażijiet tal-lezzjoni. Għandha wkoll tingħata attenzjoni speċjali kemm lit-tagħlim tal-kontenuti fis-suġġett u speċjalment fuq kif se tingħata għajnuna lill-istudenti biex jiżviluppaw ħiliet ta' tagħlim individwali kif ukoll dawk kollaborattivi. L-armar tat-tagħlim kif ukoll l-użu ta' metodi ta' tagħlim u prattiki pedagoġiċi għandu jiġi ppjanat bir-reqqa.

Il-ħtiġijiet individwali tal-istudenti: Huwa essenzjali li jiġu kkunsidrati l-istudenti tal-klassi, u x'tip ta' ħtiġijiet individwali għandhom rigward it-tagħlim. Huwa importanti li naħsbu dwar il-kunċetti li għandhom jintużaw fil-klassi u nkunu ppreparati biex nispjegaw id-dettalji tal-ħiliet ta' tagħlim individwali u kollaborattiv għall-istudenti b'diversi modi konkreti.

## 2 Implimentazzjoni:

**Appoġġ għal ħiliet ta' tagħlim individwali u kollaborattivi:**

Oqgħod attent li tappoġġa l-użu u l-iżvilupp tal-ħiliet ta' tagħlim tal-istudenti matul il-lezzjoni. Jiffavorixxu x-xogħol li għandu jsir f'pari, jipprovdu struzzjonijiet u skedi għal xogħol f'pari, iħeġġu lill-istudenti jinnegozjaw u jippjanaw ix-xogħol tagħhom b'mod konġunt, iħeġġu s-soluzzjoni kollaborattiva tal-problemi, jipprovdu l-materjali u t-tagħmir kollu meħtieġ għall-istudenti, u jappoġġaw (scaffold) u jimmonitorjaw il-progress tal-ħidma konġunta tal-istudenti.

**Strateġiji ta' impenn:**

L-istudenti jitħeġġu jinnegozjaw l-ewwel ma' sħabhom, jixtarru approċċi alternattivi jekk ikun meħtieġ, jintervjenu biss jekk jitfaċċaw xi sfidi bejn l-istudenti.

## 3 Monitoraġġ u evalwazzjoni:

**Monitoraġġ kontinwu:**

l-għalliema għandhom jimmonitorjaw l-effikaċja ta' din il-prattika permezz ta' interazzjonijiet kostanti u evalwazzjonijiet regolari flimkien mal-istudenti.

**Inkoraġġiment:**

Huwa essenzjali li l-għalliema jkunu entużjasti u motivati dwar ix-xogħol li l-istudenti jkunu qed jagħmlu, juru l-interess u l-impenn tagħhom għall-istudenti, jipprovdu għajnuna jekk ikun hemm bżonn, u jkunu impenjati fl-appoġġ tat-tagħlim tal-istudenti flimkien ma' sħabhom.



# Eżempji u Studji ta' każijiet:

Din l-għodda ġejja minn żewġ eżempji ta' skejjel multikulturali fil-Fillandja. L-għodda tirrifletti l-Kurrikulu ewlieni nazzjonali Fillandiż għall-Edukazzjoni bażika (2014), li jenfasizza t-tagħlim ta' kompetenzi trasversali tul il-perkors edukattiv tal-istudenti. Il-potenzjal ta' din l-għodda ntwera wkoll mill-aħħar riżultati fil-programm ta' assessjar internazzjonali PISA (2022), li fihom l-istudenti Fillandiżi kisbu punteġġ għoli fil-ħsieb kreattiv. L-għalliema huma liberi jiżviluppaw prattiċi peda-goġiċi kif ukoll risorsi biex jużawhom fil-klassijiet tagħhom biex jilħqu l-għanijiet fil-kurrikulu. Dawn l-iskejjel ilhom joperaw b'suċċess għal kważi 25 sena minkejja li kibret id-diversita tal-istudenti u żdiedu l-ħtiġijiet tal-istudenti u l-familji. Ir-raġunijiet li wasslu għal dan is-suċċess huma l-ħidma edukattiva persistenti u viżjonarja f'dawn l-iskejjel sa mill-bidu, it-tmexxija kollaborattiva u parteċipattiva li hemm fl-iskejjel, kif ukoll l-impenn kontinwu minn dawk kollha li jaħdmu f'dawn l-iskejjel għal ġid ta' kull tifel u tifla u t-tfassil hekk kif ifasslu l-kurrikulu skont il-ħtiġijiet tat-tagħlim tal-istudenti. Xi eżempji misluta mill-istudju tal-każ huma:

**Materjal edukattiv li jippormwovi kollaborazzjoni bejn l-istudenti:**

L-għalliema spjegaw lill-istudenti l-fażijiet differenti tax-xogħol li kellhom jaħdmu fuqu waqt il-lezzjoni, ipprovdewlhom skeda ġenerali tax-xogħol li kellhom isegwu skont it-karti ta' taħriġ, kif ukoll istruzzjonijiet bil-miktub tax-xogħol li kienu mistennija jlestu hekk kif jaħdmu fi gruppi ta' żewġ studenti. L-għalliema wżaw wkoll stampi informattivi biex jispjegaw id-diversi fażijiet differenti tax-xogħol, kif kellhom jaħdmu flimkien l-istudenti (eż. billi jinnegozjaw x'se jiktbu bħala risposti, isaqsu mistoqsijiet, jaħdmu wieħed wara l-ieħor skont min imissu, jaħdmu fil-kwiet, jimxu min-naħa għall-oħra fl-iskola skont il-bżonn eċċ.) u t-tagħmir li kellhom jużaw (eż. pinen tal-kulur, lapsijiet, gomom eċċ.). Il-materjal edukattiv pprovda gwida u għajnuna lill-istudenti fit-tagħlim kif ukoll biex jiżviluppaw il-ħiliet tat-tagħlim individwali u kollaborattivi tagħhom (billi jidefinixxu l-għanijiet tal-lezzjoni, kif jinnegozjaw u jgħażlu l-istrateġiji li se jużaw ma' sħabhom, kif iqisu l-progress li qed jagħmlu, ukoll kif jevalwaw ir-riżultati tagħhom). Dawn l-istruzzjonijiet u gwidi tqassmu bħala karti ta' taħriġ lill-istudenti biex jgħinhom isegwu l-kors tal-attivitajiet tal-lezzjoni mingħajr xkiel.

**Monitoraġġ:**

L-għalliema ssorveljaw b'mod kostanti x-xogħol tal-istudenti u l-progress tagħhom huma u jaħdmu f'pari. L-għalliema intervenew biex jgħinu lill-istudenti kull meta dawn affaċċjaw sfidi fil-progress tax-xogħol tagħhom, jonqsu mill-konċentrazzjoni tagħhom huma u jaħdmu, jew f'xi kwistjoni oħra. Dan dejjem sar b'mod li ħalla spazju li jkunu l-istudenti li jsibu s-soluzzjoni għall-isfida flimkien.

**Sapport u inkoraġġiment:**

L-għalliema kienu motivati u impenjati f'xogħolhom, u wrew interess u entużjażmu kostanti f'xogħolhom huma u segwew il-progress fix-xogħol tal-istudenti huma u jaħdmu fi gruppi. L-istu-denti apprezzaw l-għajnuna u l-motivazzjoni mill-għalliema tagħhom.





# Benefiċċji

L-attenzjoni fuq it-titjib tal-ħiliet tat-tagħlim individwali u kollaborattiv fost l-istudenti jwassal biex itejjeb it-tagħlim fost l-istudenti, kemm dak akkademiku, kif ukoll fil-benesseri u l-involviment tagħhom fl-iskola. L-għalliema enfasizzaw li l-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet huwa essenzjali għall-iżvilupp tal-istudenti f'din il-fażi tal-edukazzjoni tagħhom, kif ukoll fil-futur. Huwa wkoll essenzjali fi sfond ta' skejjel diversi u multikulturali.

# Suġġerimenti biex jintlaħaq suċċess

Inkoraġġixxu lill-għalliema jaqsmu l-ħsibijiet u l-materjal edukattiv tagħhom rigward l-għajnuna lill-istudenti biex jiżviluppaw ħiliet ta' tagħlim individwali u kollaborattivi.

Inkoraġġixxu lill-għalliema jiddiskutu l-isfidi li jaffaċċjaw huma u jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet tat-tagħlim individwali u kollaborattivi fil-klassijiet multikulturali, u kif isolvuhom.

Involvi l-ġenituri/gwardjani tat-tfal f'diskussjonijiet dwar l-importanza li jgħinu lit-tfal tagħhom jiżviluppaw il-ħiliet tat-tagħlim individwali u kollaborattivi. Spjega kif it-tagħlim ta' dawn il-ħiliet huwa inkluż fil-kurrikulu u iġbed l-attenzjoni dwar l-importanza tagħhom fit-tagħlim u l-iżvilupp tal-istudenti fil-perkors edukattiv tagħhom. Araw ukoll x'tistgħu tagħmlu flimkien biex tgħinu lill-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet.

# Riżorsi addizzjonali

Tista' ssib riżorsi addizzjonali biex jgħinuk timplimenta aktar tagħlim hawn taħt:

https://www.oph.fi/sites/default/files/documents/perusopetuksen_opetussuunnitelman_perusteet_2014.pdf
https://www.oph.fi/en/statistics-and-publications/publications/new-national-core-curriculum-basic-education-focus-school

Hawn taħt hawn ukoll eżempju prattiku ta' pjan ta' lezzjoni li juri kif wieħed jista' jaddatta din l-għodda fil-kuntest ta' studji ambjentali.

| Titlu tal-lezzjoni | Edukazzjoni ambjentali: L-annimali domestiċi |
|---|---|
| Grupp | Studenti ta' bejn is-7 u t-8 snin, b'livelli differenti ta' profiċjenza tal-lingwa lokali, diversi lingwi materni, minn sfond soċjoekonomiku differenti u immigranti. |
| Għan tal-lezzjoni | Biex jitgħallmu jidentifikaw annimali domestiċi<br>· Biex jipprattikaw kif jikklassifikaw l-annimali minn ritratti ġewwa l-iskola u minn mappa tal-iskola<br>· Biex jitgħallmu jaħdmu b'mod kollaborattiv fi gruppi ta' żewġ studenti: jippjanaw ix-xogħol flimkien, jagħmlu x-xogħol, jaqsmu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet, jaħdmu x-xogħol b'mod kollaborattiv, jirriflettu fuq it-tagħlim mal-istudent(a) li ħadmu miegħu/magħha u mal-għalliem. |
| Objettivi tal-lezzjoni | Biex tħeġġeġ lill-istudenti jitgħallmu jidentifikaw l-annimali flimkien ma' sħabhom, trawwem l-entużjażmu permezz tat-tagħlim bil-logħob, ittejjeb il-ħiliet tat-tagħlim individwali u kollaborattivi, issostni l-interess fl-istudji ambjentali. |
| Tul ta' ħin | 1 lezzjoni (75 minuta) |
| Suġġetti (eż.) | Studji ambjentali |
| Preparazzjoni | · Iffamiljarizza ruħek sew mal-kurrikulu. Iddefinixxi l-għanijiet tat-tagħlim fls-suġġett u fil-ħiliet tat-tagħlim individwali u kollaborattivi.<br>· Ikkunsidra l-bżonnijiet individwali tal-istudenti fil-klassi tiegħek. |
| Riżorsi meħtieġa | · Struzzjonijiet għax-xogħol li għandu jsir fi gruppi: fażijiet u skedi, stampi li juru l-fażijiet ewlenin tax-xogħol<br>· Karta ta' taħriġ li għandhom jaħdmu l-istudenti<br>· Ritratti ta' postijiet differenti u postijiet speċifiċi fl-iskola<br>· Ritratti tal-annimali domestiċi |

| Titlu tal-lezzjoni | Edukazzjoni ambjentali: L-annimali domestiċi |
|---|---|
| Attivitajiet ta' tagħlim | · **Ħeġġeġ** lill-istudenti biex jitgħallmu kif jidentifikaw l-annimali (domestiċi)<br>· **Spjega** b'mod ċar l-għanijiet tal-lezzjoni mal-istudenti, spjega għaliex huwa importanti li jitgħallmu l-ħiliet tat-tagħlim individwali u kollaborattivi, u kif jisimgħu l-perspettiva tal-istudenti l-oħra.<br>· **Ipprovdi** struzzjonijiet fuq kif għandu jsir ix-xogħol fi gruppi ta' tnejn: il-fażijiet tax-xogħol, skedi, deskrizzjoni tax-xogħol assenjat fil-karta ta' taħriġ; spjega tal-mappa tal-iskola u kif l-istudenti jistgħu jsibu u jidentifikaw l-annimali<br>· **Ħalli** lill-istudenti jagħżlu ma' min iridu jaħdmu; jew jassenja int ma' min tridhom jaħdmu minn qabel jekk iżjed jagħmel sens.<br>· **Segwi** l-progress tax-xogħol tal-istudenti huma u jaħdmu f'pari, kun disponibbli biex tgħinhom il-ħin kollu<br>· **Iddiskuti** l-progress fix-xogħol mal-istudenti, evalwa xogħolhom u laħqux l-għanijiet tat-tagħlim bħala grupp; irrikonoxxi x-xogħol tajjeb tagħhom u li rnexxielhom ilestu. |
| Qari addizzjonali | Jekk applikabbli |

# Konklużjoni

Din l-għodda toffri mudell ta' kif l-għalliema jistgħu jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet tat-tagħlim individwali u kollaborattiv tagħhom fi klassijiet li huma multikulturali u jirriflettu diversita'. L-għodda tenfasizza l-importanza li l-għalliema jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet tat-tagħlim individwali u kollaborattivi bħala parti integrata tal-lezzjonijiet tas-suġġetti differenti, waqt li qed jintużaw metodi ta' tagħlim li jinvolvu lill-istudenti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-lezzjoni. Din l-għodda tenfasizza r-rwol attiv tal-istudenti fit-tagħlim tagħhom kif wkoll ta' dak flimkien ma' sħabhom. L-għalliema għandhom rwol importanti hekk kif huma jgħinu u joffru sapport waqt li l-istudenti qegħdin jitgħallmu. L-edukaturi huma mħeġġa jinkorporaw din l-għodda fil-proċess ta' tagħlim tagħhom waqt li jgħallmu il-kurrikulu lokali skont il-ħtiġijiet individwali tal-istudenti fil-klassi tagħhom.

# SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.